# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Preliminari Nru 2662

Kaz Numru 3712/JG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Philippe Jean Guillaut detentur tal-Passaport Franciz Nru. 11CT47480, residenti 4 Rue de Megnin, 64600 Anglet, Franza

u

HOSI Malta Limited bin-numru ta' registrazzjoni (C-75590) gewwa Level 2, Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta, VLT1213, Malta

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 12 ta' Gunju, 2020

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Is-socjeta' intimata qed tecepixxi illi l-ligi Maltija dwar l-impjieg ma ghandhiex tkun applikabbli ghal kaz de quo u dan ai termini tal-kapitolu 482 tal-ligijiet ta' Malta li adotta bhala ligi domestika l-konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 fuq il-ligi li tapplika ghal obbligazzjonijiet kontrattwali, li tistipola li l-ligi applikabbli ghandha tkun dik tal-pajjiz fejn " l-impjegat soltu jaghmel ix-xoghol tieghu fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt", cioe f'dan il-kaz il-Marokk.

Minn naha l-ohra r-rikorrent Philippe Jean Guillaut jargumenta li dan il-kuntratt ghandu jkun regolat mil-ligi maghzula mill-partijiet u jikkwota l-artikolu fil-kuntratt ta' l-impjieg li jgib id-data tal-25 ta' Jannar, 2017 (mmarkat bhala Dok PG1) fejn hu jghid li dan il-kuntratt jistipula li huma l-ligijiet ta' Malta li ghandhom jirregolawh. Jargumenta ukoll l-artikolu 6 tal-Kapitolu 482 tal-ligijiet ta' Malta joffri protezzjoni lil-impjegat, b'tali mod li ma jippermettix li xi klawsola tintuza biex iccahhad lill-impjegat mill-istess protezzjoni moghtija lilu mir-regoli mandatorji tal-ligi.

It-Tribunal irid ifakkar li fis-seduta tat 22 ta' Novembru, 2019 kien akkorda erba' gimghat zmien minn dik id-data ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' ntimata b'notifika lill-kontroparti li jkollha erba' gimghat mid-data tan-notifika ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Is-socjeta' intimata baqghet ma pprezentatx in-nota taghha, u wara anki korrispondenza bl-email bejn l-Avukat tar-rikorrent u s-Segretarjat tat-Tribunal, fejn anki l-Avukat tas-socjeta' kien ikkuppjat, ir-rikorrent ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Kapitolu 482 artikolu 3 sub artikolu 1 jispjega li:

"Kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet. L-għażla għandha tkun espressa jew murija b'ċertezza raġjonevoli mill-klawsoli tal-kuntratt jew miċ-ċirkostanzi tal-każ. Permezz tal-għażla tagħhom il-partijiet jistgħu jiftiehmu fuq il-liġi applikabbli għall-kuntratt kollu jew għal parti minnu."

Il-ligi tispjega l-bzonn li l-kuntratt jistipola b'mod car liema ligi sa tirregolah pero' zzid ukoll li c-cirkostanzi kollha tal-kaz iridu jittiehdu in konsiderazzjoni.

Barra minn hekk artikolu 6 ta' l-istess Kapitolu 482 jispjega car il-provvedimenti legali f'kaz fejn ma jkunx espress fil-kuntratt liema gurisdizzjoni sa tintuza meta tinqala tilwima. F'dan ir-rigward, Artikolu 6 jaghti livell ta' protezzjoni lill-impjegat fejn jghid li;

"Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3, f'kuntratt ta'impjieg għażla ta' liġi magħmula mill-partijiet m'għandhiex ikollha r-riżultat li ċċaħħad lill-impjegat mill-

protezzjoni moghtija lilu mir-regoli mandatarji tal-liġi li tkun applikabbli skont il-paragrafu 2 fin-nuqqas ta' għażla."

Ghaldaqstant il-ligi hija cara li dan il-kapitolu m'ghandux jintuza biex b'xi mod icahhad lill-impjegat mill-protezzjoni provduta lilu mill-ligi u minn naha l-ohra dan il-provvediment ma jissostitwixxix id-dritt ta' l-impjegat illi jaghzel il-ligi hekk espress fil-kuntratt ta' l-impjieg.

F'dan il-kaz it-Tribunal ghandu quddiemu kuntratt ta' mpjieg li jgib id-data tal-25 ta' Jannar, 2017 (mmarkat Dok PB1) fejn l-ahhar klawsola intitolat;

"Law and jurisdiction" jistabbilixxi li, u nikkwota;

"The validity, construction and performance of this agreement shall be governed by the laws of Malta and shall be subject to the non-exclusive jurisdiction of the Maltese courts to which the parties submit".

Ghat-Tribunal dan juri car li l-intenzjoni taz-zewg partijiet kien li f'kaz ta' tilwima, jkunu l-ligijiet ta' Malta li japplikaw.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-ligi ta' Malta hija l-ligi li tirregola dan il-kuntratt ta' mpjieg u jichad l-ewwel eccezzjoni u jkompli jisma' l-kaz.

**(iffirmata)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju